# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 319/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Spagnol**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mario Spagnol**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 588161(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Marzu 2018 għal ħabta ta' 09:00hrs fl-inħawi tal-Lambordi limiti ta' Marsaskala u f'dawn il-Gżejjer:

1. waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Regolament

4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta Malta);

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz, xi għasfur u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(ċ) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oġġetti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(i) u 18(1)(ċ) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2500). Fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* tal-istess dispożizzjoni tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif ukoll *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena. B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti tagħti piena aktar idonea għall-każ in*

*kwistjoni billi tirriduċi l-multa u/jew tirriduċi s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ lill-appellant taħt il-Liġi Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Jissottometti li l-ebda wieħed mill-uffiċjali investigattivi ma rah jonsob u li skont is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele** (Numru 430/13) li wieħed ikun ħdejn mansab mhux neċessarjament li jkun qed jonsob. Fost l-oħrajn jgħid li ħadd mill-uffiċjali ma qal li kien rah jonsob u li fin-nuqqas ta' prova dwar il-vettura u l-għalqa, l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija.

Illi din il-Qorti tinnota li ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-fatt li ħadd mill-uffiċjali ma ra lill-appellant jonsob ma jfissirx li allura dan ma kienx qed jonsob. Hemm il-prova ċirkostanzjali li ħafna drabi hija l-aktar prova xjentifika. L-Ewwel Qorti ġustament irriferiet għal dak li ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Luciano Mirabitur** (Numru 229/2018) dwar il-provi ċirkostanzjali li jwasslu għas-sejbien ta' ħtija f'każ li kien ukoll dwar il-kaċċa. Il-Pulizija sabu mansab armat bix-xbiek u l-għasafar tal-għana. Il-punt kjavi mhux ta' min kienet l-għalqa jew ta' min kienet il-vettura imma l-fatt li meta marru l-Pulizija sabu li kollox kien lest għall-insib għaliex dan kellu x-xbieki u madwaru kien hemm l-għasafar ħajjin. Barra dan l-appellant kien fil-qrib u seta' jissorvelja sew jekk ikunx ġej xi għasfur u ħareġ mid-dura jew kamra proprja meta waslu huma fuq il-post. Dan kollu huwa prova 'l hemm minn kull dubju raġjonevoli li l-appellant kien qed

jipprova jieħu għasfur. L-imputazzjoni hija *"ħadt jew pruvajt tieħu"* xi għasfur. Lanqas ma hija ta' valur is-sottomissjoni għaliex fl-affidavits uffiċjal juża l-kelma "dura" u ieħor juża l-kelma "kamra". Iż-żewġ kelmiet ifissru l-istess ħaġa – li kien hemm xi forma ta' bini u għalhekk id-differenza fl-użu tal-kelma ma twassalx biex ixxejjen il-prova.

Illi dwar fejn kienu l-għasafar – fil-kamra, fil-vettura jew fil-mansab – mhuwiex rilevanti ġialadarba teżisti prova ċara li l-għasafar kienu fil-qrib. Din il-Qorti ma tara ebda konfużjoni fil-verżjonijiet mogħtija u jirriżultaw provi biżżejjed ċari u 'l hemm minn kwalunkwe dubju raġjonevoli. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar ir-ritratti li ġew eżebiti. Jisħaq li dawn ġew eżebiti minn PS 506 D. Bugeja fl-affidavit tiegħu iżda ma jgħidx min ħadhom. Jgħid li ma ebda firma u rrifera għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charlton Caruana** fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma aċċettatx fotokopji li mhux awtentikati. Irrifera wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daniel Gatt** (Numru 216/2019) mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019 fejn din il-Qorti diversament preseduta nsistiet fuq il-prinċipju tal-*best evidence rule*. L-appellant jissottometti li r-ritratti jmisshom kienu sfilzati u li hemm *"a lurking doubt"* dwar dak li seħħ.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-seduta miżmuma fl-14 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 29), l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża sabiex dawn ir-ritratti jiġu sfilzati. Għandu jiġi nnutat ukoll li r-riferenza li għamlet id-difiża għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Charlton Caruana** mhijiex rilevanti għall-każ odjern u dan peress illi f'dak il-każ il-kwistjoni kienet ta' fotokopji mhux awtentikati. Hawn huwa każ ta' ritratti mehmużin ma' affidavit u li ġew ippreżentati minn PS 506 D. Bugeja flimkien mal-affidavit tiegħu.

Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din il-Qorti mhijiex qed tara li l-firem fuq ir-ritratti huma xi ħaġa *sine qua non* ġialadarba dawn kienu ppreżentati mal-affidavit u fl-affidavit tiegħu PS 506 D. Bugeja jgħid ċar u tond is-segwenti: *"X'ħin konna fuq il-post ittieħdu diversi ritratti bħala prova liema ritratti huma wkoll annessi flimkien ma' dan l-affidavit"* (*a fol.* 12). Dan ifisser li r-ritratti ttieħdu mill-uffiċjali nnifishom għax dawn kienu marru fuq il-post tal-allegata sparatura. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jissottometti li ma nġabet ebda prova li l-għasafar li nstabu ma kienux *"close ringed"* u allura protetti. Jgħid li l-uffiċjali ma identifikawx l-ispeċi u li r-ritratti *"black and white"* ma jistgħux iwasslu sal-grad rikjest mil-liġi li huma għasafar protetti. Jgħid li l-ebda gabbjetta ma turi ċar l-għasafar u lanqas Casey Grech tal-Wild Birds Regulation Unit ma kkonfermat x'tip ta' għasafar huma u li l-Pulizija lanqas biss ma elevawhom.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti kkunsidrat x'jipprovdi r-Regolament 7(1)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid: *"lixki ta' għasafar protetti"*. Din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti: *"Illi milli provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li mansab kien armat b'għasafar tal-għana (hawnhekk qed issir riferenza għall-affidavits ippreżentati mill-uffiċjali tal-pulizija). Filfatt PC 1379 jagħmel riferenza għall-preżenza ta' ħames għasafar tal-għana. Għaldaqstant dina l-Qorti tqis ukoll dan ir-rekwiżit ippruvat fit-termini tal-liġi."*

Illi din il-Qorti tinnota li dak kollu li trid il-liġi u l-asserzjoni li saret fl-affidavits imkien ma kienet imxejna permezz ta' xi kontro-eżami b'dan illi din il-Qorti qed tikkonferma dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar il-prova tal-użu tal-lixka u għalhekk qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa li għandu jkun hemm temperament fil-piena għaliex hu mhux reċidiv u fil-fedina penali tiegħu hemm każ li jmur lura lejn Jannar 2002.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tqis li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata hija fil-parametri tal-liġi u għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-ammont tal-multa mogħti mill-Ewwel Qorti u qed tikkonferma wkoll iż-żmien ta' tliet snin biex din il-multa titħallas (hekk kif verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 31) miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti), liema żmien jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. Din il-Qorti qed tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mario Spagnol u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |